**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**Rikors nru: 18/2021 AGV ;**

**AB**

**u**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tal-partijiet, datat 15 ta' Jannar 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu bir-Registru Pubbliku fil- 5 ta' Settembru elfejn u tmienja, ara Dok. A hawn unit, u minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
2. Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment b' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Rueben Debono, fit- 2 ta' Frar 2016, ara Dok B hawn unit;

3. Illi ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u t-tnejn li huma ghandhom relazzjoni ohra;
4. Illi m’ hemm ebda mantenimenti dovuti reciprokament kif jinsab stipulat fil-klawsola erba’ tal-kuntratt ta’ separazzjoni legali;
5. Illi dawn il-fatti hwn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant, umilment il-partijiet jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet iccelebrat fil-5 ta’ Settembru elfejn u tmienja;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella** — **Imhallef**

**Cettina Gauci** — **Dep Reg**